

NEWSPAPER POST

MARZU 2007 | GĦADD 413
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP

# aħna *lilkom*

Ħolqa bejn il-ħbieb

## dik l-IVA

**Kien ġuvni ta' għoxrin sena, rebbieħ ta' xi premjijiet għad-disinn u l-pittura, bil-possibiltà ta' karriera militari, membru ta' familja nobbli u allura b'ħafna ġid quddiemu,**

Kellu anke b'possibiltajiet ta' pożizzjonijiet għolja fis-soċjetà Maltija u student tal-liġi fl-Università ta' Malta. Fit-8 ta' Mejju 1898 dan l-istess ġuvni ħalla dan kollu, ħalla warajh lil pajjiżu, ħalla saħansitra lil niesu ... u mar Ruma biex jaqbad il-korsijiet tal-filosofija u t-teoloġija. Meta kien l-Italja fassal programm ta' xi tmienja jew disa' snin ta' studju, imma anke dan kellu jabbanduna; kellu jbiddel il-pjan tiegħu; minħabba l-mard, u saħansitra l-biża' tal-mewt, talab il-permess lill-Arċisqof ta' Malta, Pietru Pace, biex ikun jista' jqaddes fit-tielet sena teoloġija. Il-Qaddej ta' Alla, Ġużeppi De Piro ġie ordnat saċerdot fil-Bażilika ta' San Ġwann Lateran, Ruma, fil-15 ta' Marzu 1902.





# Ġużeppi De Piro

## 105 snin mill-ordinazz

Ftit aktar minn erba' snin ilu Patri Pawl Cremona, illum Arcisqof ta' Malta, kien mistieden minna, membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, biex jistudja xi kitbiet tal-Fundatur tagħna, Ġużeppi De Piro, u minnhom joħroġ il-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tagħlim tal-Qaddej ta' Alla. Huwa kien mogħti d-Djarju ta' De Piro, il-Konferenzi li l-Fundatur kien għamel lill-Brothers novizzi tas-snin 1929-1930, il-korrispondenza bejn Mons De Piro u l-familjari tiegħu, it-tliet volumi tal-priedki, l-Almanakk li ħareġ kull sena bejn l-1922 u l-1933 u t-Testment tiegħu. Ir-riżultat kien 23 paġna ta' analisi. Hawn isfel qed inġibu xi siltiet minn dan l-istudju:

"Hi ħaga li timpressjonak li ħafna mill-kitbiet fid-Djarju[1] juru b'mod l-aktar ċar li De Piro kien jemmen bis-sħiħ li kien Alla li riedu li jwaqqaf dan l-Istitut,[2] u hu kien biss jikkorrispondi mar-rieda divina."

"... Hemm mumenti partikulari meta t-tagħlim tal-Qaddej ta' Alla hu għani in kwantu riflessjonijiet teoloġiċi. Xi drabi anzi jtendi għall-mistiċiżmu.

It-tagħlim kollu tiegħu jirrifletti l-istagħġib tiegħu quddiem l-imħabba kbira ta' Alla lejn il-bnedmin, kif manifestata speċjalement fi Kristu. Il-punti fokali tal-meditazzjonijiet tiegħu dwar is-Sinjur tagħna huma l-misteru tal-Ewkaristija u d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Hawnhekk niltaqgħu ma' xi riflessjonijiet profondi li juru spirtu kreattiv ġej mill-istess esperjenza spiritwali tiegħu. Anke meta kien jippriedka dwar il-qaddisin, ħafna drabi hu jiffoka l-attenzjoni ta' dawk li jkunu qed jisimgħuh fuq l-Ewkaristija. It-tweġiba tal-bniedem għall-imħabba ta' Alla ssir b'żewġ modi: axxetiżmu li jwassal għall-qdusija personali u nbuttatura biex wieħed jagħmel lil Ġesù magħruf u maħbub minn kulħadd."

"Fiċ-ċentru tar-riflessjoni tiegħu hemm il-Mulej u b'mod speċjali l-inkarnazzjoni tiegħu... Mill-Inkarnazzjoni jgħaddi għall-Ewkaristija, it-tema l-oħra tant favorita għall-Qaddej ta' Alla... Għal Mons De Piro il-Kruċifissjoni hi mument ieħor fil-ħajja ta' Ġesù li tirrevela l-preżenza ta' Alla fostna..."

"Mons De Piro jitkellem l-aktar mill-Iben ta' Alla magħmul bniedem, imma hu jirreferi wkoll għal Alla bħala l-Missier tal-ħniena."

"Il-Qaddej ta' Alla jirreferi direttament għall-Ispirtu s-Santu: ' Hu t-Tielet Persuna tat-Trinità li tinżel fuq l-Univers biex tiġġeneraħ'."

"Mons De Piro kellu devozzjoni kbira lejn il-Verġni Marija. Hu rrifletta ħafna fuq id-dinjità u r-rwol ta' Ommna Marija fil-ħajja tas-Sinjur. Hu ikkontempla l-Immakulat Konċepiment ta' Marija u r-

relaz
rede
jamm
Qegħ
javvi
"
kbira
li juża
komu
jkunu
jagħm
mill-a
bħala
nuru
aħna
nkun
ta' Al





# azzjoni saċerdotali

n minna,
żeppi De
n mogħti
29-1930,
k li ħareġ
isfel qed

relazzjoni ta' dan il-misteru mal-missjoni redentiva ta' Kristu... Il-Qaddej ta' Alla jammira wkoll il-medjazzjoni ta' Marija. Qegħda hemm biex tgħin lill-midneb javviċina lil Alla, dak li hu kollu ħniena..."

"Il-ħajja fil-komunità hi ta' għajnuna kbira għar-reliġjużi... Il-kelmiet prinċipali li juża De Piro meta jirreferi għall-komunitarjetà huma: unità: 'Aktar ma jkunu magħqudin bejniethom, aktar jistgħu jagħmlu ħwejjeġ kbar'; onestà: 'Hi ħaġa mill-aktar kerha li wieħed juri lilu nnifsu bħala dak li fil-fatt mhux tassew; aħna rridu nuru lilna nfusna bħala dak li verament aħna'; u ferħ: 'Meta nuru wiċċ ferħan, aħna nkunu qed nuru li aħna ferħanin fis-servizz ta' Alla'."

"Fl-Almanakk[3] wieħed isib abbundanza ta' materjal li jiddeskrivi x'sewa lill-Fundatur biex waqqaf is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Meta fit-3 ta' Ottubru 1932 l-Arċisqof Mawru Caruana OSB qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tad-Dar Sant'Agata, Mons De Piro qal dan il-kliem: 'Hu fatt magħruf minn kulħadd li l-opri ta' Alla għandhom dejjem marbuta magħhom il-kontrarjetà. Fix-xogħlijiet li hawn quddiemna u li għandna f'idejna, f'dawn



l-erbatax-il sena, kien hemm tant provi li setgħu għejjew lil kull bniedem. Imma billi kien Alla li qiegħed jagħmel ix-xogħol, allura hu dejjem ipprovda lill-qaddejja tiegħu bil-kuraġġ; l-ispirtu ta' Alla kien dejjem preżenti magħna f'kull diffikultà, bħal żiffa kostanti u ġentili, igħin id-dgħajsa fqira tagħna mħabbta mill-imwieġ'.[4]

Il-Qaddej ta' Alla kien jaf li skond il-Kelma ta' Alla, kollox kien jiddependi fuq it-talb. Hu nsista li kull inizjattiva missjunarja kellha tiġi mgħejjuna mit-talb. Waqt li jirreferi għall-Enċiklika *Rerum Ecclesiae* ta' Piju XI, hu enfasizza li kull ħidma missjunarja għandha tiġi dejjem akkumpanjata minn komunitajiet kontemplattivi. Fil-fatt fl-1927 [5] hu waqqaf il-Laboratorju Missjunarju. Wieħed mill-iskopijiet tal-Laboratorju kien li jwieżen lill-missjonijiet bit-talb."

"Il-Qaddej ta' Alla kellu mħabba kbira għall-missjoni u dan mela lil dawk kollha ta' madwaru bl-entużjażmu għal din il-ħidma. Br Ġużeppi Caruana, l-ewwel missjunarju tas-Soċjetà, fl-ewwel ittra tiegħu mill-Abissinja, ġustament jirreferi għal din l-influwenza li ħalla fih il-Fundatur rigward dik li hi ħeġġa missjunarja: 'Il-ħanin Alla ħabbni tassew meta tani bla ma jistħoqqli l-grazzja li inti tibgħatni fil-missjoni, grazzja li jien kien ili nitlob għal 17-il sena sħaħ.'"

"Skond De Piro r-ruħ ta' kull ħidma missjunarja hi l-imħabba: l-imħabba lejn Alla u l-imħabba lejn l-oħrajn. Il-Qaddej ta' Alla kien igħallem li: 'Wieħed ma jistax jissepara l-imħabba lejn Alla mix-xewqa li l-krejaturi kollha, li għandhom ir-raġuni, ikunu jafu, iħobbu u jfaħħru lil Alla.' Mill-banda l-oħra l-Qaddej ta' Alla jinnota li fost l-opri ta' ħniena, l-evanġelizzazzjoni hi l-aqwa: '... għax il-Vangelu jġibilhom is-salvazzjoni ta' ruħhom li hi l-ħaġa l-aktar sabiha u prezzjuża li l-bniedem jippossedi.'"

"Ċertament il-kitbiet tal-Qaddej ta' Alla juru biċ-ċar il-ħeġġa tiegħu biex ixandar l-imħabba tas-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu u li jagħmel minn dawn li kienu jsegwuh missjunarji tal-Aħbar it-Tajba. Ċertament dan japplika aktar u aktar għall-membri tas-Soċjetà li hu waqqaf, is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Anke wara l-mewt tiegħu, l-ispirtu missjunarju tiegħu kompla janima l-appostolat tas-Soċjetà tiegħu f'li twassal il-fidi f'pajjiżi differenti. Dan jinkludi ħidma kemm f'pajjiżi *ad gentes* kif ukoll f'pajjiżi fejn hemm l-emigranti Maltin. Ma' dan ċertament irridu nżidu l-ħidma li s-Soċjetà qed twettaq f'pajjiżna stess, b'mod speċjali fost it-tfal u ż-żgħażagħ."



1 Dan id-Djarju jkopri s-snin 1998 – 1909.
2 Is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.
3 San Pawl: Almanakk tal-Istitut tal-Missjoni, li Mons De Piro ppublika bejn l-1922 u l-1933. Għalkemm l-artikli mhumiex iffirmati imma mill-ewwel membri tas-Soċjetà nafu li kien il-Fundatur li kiteb il-biċċa l-kbira tal-materjal fl-Almanakk.
4 Il-Fundatur kemm-il darba qabbel lis-Socjetà ma' dgħajsa fil-maltemp u li hi kontinwament mgħejjuna minn Alla biex toħroġ rebbieħa.
5 Is-sena meta bagħat lil Fra Ġużepp Caruana, l-ewwel membru tas-Soċjetà tiegħu fil-missjoni ta' Abissinja.



**Ejjew Ruma magħna għall-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca, mill-1 sal-4 ta' Ġunju. Ċempel lil Fr Bonavia fuq 2145 4503 jew 7926 5968**